

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-25 ta' Jannar 2022 – Il-Kummissjoni Ewropea vs European Food SA et**  
**(Kawża C-638/19 P) (1)**

(Appell – Għajnuna mill Istat – Artikoli 107 u 108 TFUE – Trattat bilaterali ta' investiment – Klawżola ta' arbitraġġ – Ir-Rumanija – Adeżjoni mal-Unjoni Ewropea – Tħassir ta' skema ta' incēntivi fiskali qabel l-adeżjoni – Deċiżjoni ta' arbitraġġ li tagħti l-ħlas ta' danni wara l-adeżjoni – Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tiddikjara li dan il-ħlas jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tiegħu – Kompetenza tal-Kummissjoni – Applikazzjoni ratione temporis tad-dritt tal-Unjoni – Determinazzjoni tad-data li fiha l-benefiċjarju jingħata d-dritt li jirċievi l-għajnuna – Artikolu 19 TUE – Artikoli 267 u 344 TFUE – Awtonomija tad-dritt tal-Unjoni)

(2022/C 119/03)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Appellant: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Maxian Rusche u P.-J. Loewenthal, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedura: European Food SA, Starmill SRL, Multipack SRL, Scandic Distilleries SA, Ioan Micula (rappreżentanti: K. Struckmann, Rechtsanwalt, G. Forwood, avocat u A. Kadri, solicitor), Viorel Micula, European Drinks SA, Rieni Drinks SA, Transilvania General Import-Export SRL, West Leasing SRL, li kienet West Leasing International SRL (rappreżentanti: J. Derenne, D. Vallindas u O. Popescu, avocats), ir-Renju ta' Spanja (rappreżentanti: inizjalment irrapreżentat minn S. Centeno Huerta, aġent, sussegwentement minn A. Gavela Llopis, aġent), l-Ungernia

Intervenjenti insostenni tal-appellant: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: D. Klebs, R. Kanitz u J. Möller, aġenti), ir-Repubblika tal-Latvja (rappreżentant: K. Pommere, aġent), ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentanti: D. Lutostańska, B. Majczyna u M. Rzotkiewicz, aġenti)

**Dispożittiv**

- 1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-18 ta' Ġunju 2019, European Food et vs Il-Kummissjoni (T-624/15, T-694/15 u T-704/15, EU:T:2019:423), hija annullata.
- 2) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar l-appell incidentalni.
- 3) Il-kawża għandha tintbagħħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea sabiex din tiddeċiedi fuq il-motivi u l-argumenti mqajma quddiemha li dwarhom il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ma hadi x-deċiżjoni.
- 4) L-ispejjeż huma rriżervati.

(1) ĠU C 348, 14.10.2019

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-27 ta' Jannar 2022 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju ta' Spanja**

**(Kawża C-788/19) (1)**

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Artikolu 258 TFUE – Moviment liberu tal-kapital – Obbligu ta' informazzjoni dwar il-beni jew id-drittijiet miżmuma fi Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea jew taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) – Ksur ta' dan l-obbligu – Preskrizzjoni – Sanzjonijiet)

(2022/C 119/04)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrent: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn C. Perrin, N. Gossement u M. Jáuregui Gómez, aġenti, sussegwentement minn C. Perrin u N. Gossement, aġenti)